# FIL-PRIM’AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 10 ta’ Ottubru, 2019**

**Kawża Nru. 2**

**Ċitazz. Nru. 1011/01JRM**

**MILLER DISTRIBUTORS LIMITED (C – 344)**

vs

Malcom **ZARB**, Robert Gafà u martu Ruth Gafà, għall kull interess li jista’ jkollha

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fl-4 ta’ Ġunju, 2001, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-kumpannija attriċi talbet li l-Qorti (a) ssib lill-imħarrkin, jew min minnhom, responsabbli għall-ħsarat u danni mġarrba minnha b’riżultat ta’ egħmil ta’ miżapproprjazzjoni u frodi mwettqa mill-istess imħarrkin, jew min minnhom; (b) tillikwida d-danni u l-ħsarat hekk imġarrba, u (ċ) tikkundannhom, jew min minnhom, iħallsuha l-ammont hekk likwidat. Talbet ukoll l-ispejjeż marbuta mal-Mandati maħruġa kontra tagħhom, u l-imgħax legali b’seħħ mill-15 ta’ Settembru, 2000;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fis-26 ta' Settembru, 2001, li biha l-imħarrek Malcom Żarb jiċħad it-talbiet attriċi bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt. Jgħid ukoll li mhux responsabbli għall-atti u nuqqasijiet li jistgħu jirriżultaw fil-konfront tal-imħarrkin l-oħra, u li l-pretensjonijiet mressqa mill-kumpannija attriċi huma eċċessivi;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fit-28 ta' Settembru, 2001, li biha l-imħarrkin miżżewġin Gafà jilqgħu għat-talba attriċi billi, b'mod preliminari, l-imħarrka Ruth Gafà tgħid li m'għandhiex interess ġuridiku fil-mertu tal-każ u għaldaqstant titlob li tinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju. Fil-mertu, l-imħarrka tgħid li ma taf xejn dwar ix-xiljiet imressqa mill-kumpannija attriċi, filwaqt li l-imħarrek jiċħad it-talbiet attriċi bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt. Jgħid li ma hemm ebda dannu x'jiġi likwidat u li għalih għandu jagħmel tajjeb;

Rat id-degriet tal-Qorti (diversament presjeduta) tat-22 ta' Mejju, 2002[1], li bih ħalliet il-kawza '*sine die'*, u t-talba tal-kumpannija attriċi tat-30 ta' Mejju, 2002[2], li biha talbet li l-kawża terġa' titqiegħed fuq il-lista għas-smigħ, liema talba, għar-raġunijet hemm imsemmija, ntlaqgħet permezz ta' degriet tal-10 ta' Ġunju, 2002[3];

Rat li din il-kawża tpoġġiet fuq il-lista tal-kawżi ta' din il-Qorti wara li ġiet assenjata lilha[4];

Rat ix-xhieda u l-provi dokumentali mressqa quddiemha;

Rat li għal numru ta' snin, l-imħarrkin naqsu li jressqu l-provi tagħħhom minħabba l-fatt li kienu għaddejjin kontra tagħhom proċeduri kriminali quddiem il-Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u ma ridux jagħtu xhieda li setgħet tinkriminahom;

Rat id-degriet tagħha tas-16 ta' Diċembru, 2015[5], li bih ħalliet il-kawża għat-trattazzjoni tal-għeluq bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-kumpannija attriċi tas-16 ta' Frar, 2016[6];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-imħarrek Malcolm Zarb tat-30 ta' Mejju, 2016[7], bi tweġiba għal dik tal-kumpannija attriċi;

[1] Paġ. 24 tal-proċess
[2] Paġ. 25 tal-proċess
[3] Paġ. 26 tal-proċess
[4] Paġ. 28 tal-proċess
[5] Paġġ. 182 – 3 tal-proċess
[6] Paġġ. 184 sa 192 tal-proċess
[7] Paġġ. 194 – 202 tal-proċess

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-imħarrek Robert Gafà tat-13 ta' Ġunju, 2016[8], bi tweġiba għal dik tal-kumpannija attriċi;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-imħarrka Ruth Vella tal-1 ta' Awissu, 2016[9], bi tweġiba għal dik tal-kumpannija attriċi;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-għeluq mill-avukati tal-partijiet[10];

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkonsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal danni mġarrba mill-kumpannija attriċi (minn issa 'l hemm imsejħa "Miller") b'riżultat ta' ħsara u serq imwettaq mill-imħarrkin waqt l-impieg tagħhom magħha. L-imħarrkin jiċħdu t-talbiet attriċi, filwaqt li l-imħarrka Ruth Gafà (li, sadattant, infirdet minn ma' żewġha l-imħarrek Robert Gafà) titlob saħansitra li tinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju billi ma taf xejn dwar ix-xiljiet miġjub kontra żewġha u ma kinitx il-kontradittriċi leġittima tal-azzjoni ta' Miller;

Illi bħala <u>fatti relevanti</u> illi joħorġu mill-atti ta' din il-kawża jirriżulta li Miller kienet timpjega lill-imħarrkin Malcolm Żarb u Robert Gafà. Dan ta' l-aħħar kellu kariga ta' fiduċja mal-kumpannija[11] u kien is-superjur tal-imħarrek Żarb[12];

Illi b'mod regolari u fuq medda ta' xhur, Miller bdiet tosserva esperjenza regolari ta' qtugħ tas-servizz tal-elettriku fil-bini tagħha f'Ħal Luqa. Hija ħatret diversi esperti[13] biex jgħinuha fl-istħarriġ tagħha biex issib il-kawża ta' dan il-qtugħ, iżda dan l-eżerċizzju ma wassal għal ebda riżultat pożittiv;

Illi jirriżulta wkoll li xi *computer terminals* fl-uffiċini ta' Miller ukoll ġarrbu ħsarat, uħud minnhom fi grad akbar minn oħrajn[14]. Minn filmat li ttieħed minn *CCTV cameras* li ġew installati minn Miller fuq il-post, kif ukoll minn linja ta' mġiba jew ċirkostanzi li wieħed seta' josserva fid-drabi li kien

[8] Paġġ. 203 – 8 tal-proċess
[9] Paġġ. 226 – 232 tal-proċess
[10] Paġ. 234 tal-proċess
[11] Ara l-affidavit ta' Kenneth Frendo f'paġ. 45 tal-proċess
[12] Ara x-xhieda ta' Malcolm Żarb f'paġ. 159 tal-proċess
[13] Ara l-affidavit ta' Malcolm Miller f'paġ. 43 tal-proċess
[14] Ara l-affidavit ta' Michael Barberi f'paġ. 37 tal-proċess u dak ta' Lisa Psaila f'paġ. 38 tal-proċess

jinqata' d-dawl, Miller waslet għall-fehma li l-kawża ta' dan l-inkonvenjent kienet dovuta għall-indħil manwali jew tbagħbis mill-imħarrkin fis-sistema tad-dawl u l-istess *computers*[15];

Illi, minbarra dan, lil Miller irriżultalha wkoll illi n-nefqa fil-kotba tagħha marbuta max-xiri ta' *stationery* kienet eċċessiva meta mqabbla mas-sena ta' qabel u l-konsum attwali mill-kumpannija[16]. Meta Miller sejħet għal rashom liż-żewġ imħarrkin impjegati tagħha għal laqgħa biex jgħidu tagħhom dwar is-suspetti li kellha fuq il-qtugħ tal-provvista tad-dawl u kif ukoll fuq in-nuqqasijiet fl-*istationery*, l-imħarrkin stqarrew il-parteċipazzjoni tagħhom kemm fis-serq, kif ukoll fit-tbagħbis fis-sistem tad-dawl u fil-*computers*[17]. L-imħarrek Żarb, barra is-serq ta' oġġetti mill-*istores* tal-kumpannija li għaddihom lill-Pulizija[18], jistqar li l-parteċipazzjoni tiegħu kienet limitata għal titjir ta' *fuses* tal-*computer terminal* fuq l-iskrivanija tiegħu biss, u li ma mess ebda *computer* ieħor[19];

Illi jirriżulta li l-imħarrkin tressqu quddiem il-Qorti tal-Ġudikatura Kriminali biex iwieġbu għall-akkużi miġjuba kontra tagħhom, bil-Qorti tal-Appell Kriminali ssib lill-imħarrek Gafà ħati ta' reati kriminali aktar gravi mill-imħarrek Żarb[20];

Illi Miller tgħid li d-danni li ġarrbet b'riżultat ta' l-aġir tal-imħarrkin kienu jitilgħu għal mitejn u dsatax-il elf u disa' mitt lira Maltin (Lm219,900), li jġibu ħames mija u tnax-il elf, mitejn u disgħa u għoxrin Ewro (€512,229)[21] fi flus tallum;

Illi Miller ħarġet numru ta' Mandati kawtelatorji kontra l-imħarrkin[22], u fl-4 ta' Ġunju, 2001 fetħet din il-kawża;

Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>konsiderazzjonijiet ta' natura legali</u> li jsawru l-każ, l-azzjoni attriċi tinbena fuq il-parametri tal-azzjoni delittwali u l-effetti li jitnisslu minnha. L-azzjoni attriċi titlob żewġ suriet ta' stħarriġ: l-ewwel stħarriġ huwa dwar min tassew jaħti għal ilmenti mressqa minn Miller, ladarba l-istess attriċi tipponta subgħajha lejn aktar minn persuna waħda; u t-tieni stħarriġ huwa dwar x'inhi l-ħsara mġarrba minħabba l-aġir tal-imħarrkin mixlija, jew ta' min minnhom;

---

[15] Ara l-affidavit ta' Malcolm Miller f'paġ. 43tal-proċess
[16] Ara l-affidavit ta' Kenneth Frendo f'paġġ. 45 u 46 tal-proċess
[17] Ara l-affidavit ta' Malcolm Miller f'paġ. 44 tal-proċess. Ara wkoll dik ta' Kenneth Frendo f'paġġ. 46-47 tal-proċess li kien preżenti għall-istess laqgħa
[18] Ara Dok. "MZ1" u Dok. "MZ2" f'paġġ. 156 – 7 tal-proċess
[19] Ara x-xhieda ta' Malcolm Żarb f'paġġ. 161 – 2 tal-proċess u fil-kontro-eżami f'paġġ. 178 – 9 tal-proċess
[20] ***Il-Pulizija (Spettur Anġelo Gafà) vs Robert Gafà u Malcolm Żarb*** maqtugħa fil-**5 ta' Novembru, 2010** mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-**30 ta' April, 2014** fl-istess ismijiet
[21] Ara l-affidavit ta' Kenneth Frendo f'paġ. 47 tal-proċess
[22] Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1634/2001 u 1605/01; Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju nurmu 1636/01, u 1606/01; Mandati ta' Qbid kawtelatorju numri 1635/01 u 1607/01

Illi l-Qorti sejra tibda biex tqis l-**ewwel eċċezzjoni preliminari** mqajma mill-imħarrka Ruth Gafà (Vella) li biha tgħid li hija qatt ma kienet taf x'inhu għaddej minn żewġha waqt xogħlu ma' Miller u li hija bl-ebda mod ma kienet imdaħħla f'dak li ġara. Għalhekk, hija titlob li tinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju ladarba mhijiex il-kontradittriċi leġittima tal-pretensjonijiet attriċi;

Illi Miller tgħid li din l-eċċezzjoni mhix ta' min jilqagħha, għaliex dak li wettaq l-imħarrek Gafà, tajjeb jew ħażin, gawdiet minnu wkoll martu u għalhekk, il-komunjoni tal-akkwisti li kienet teżisti sakemm infirdu u ż-żwieġ tagħhom inħall għandha tagħmel tajjeb għall-ħlas tal-kumpens minħabba d-dannu mġarrab minnha. Iżżid tgħid li l-imħarrka lanqas tista' twarrab minn fuqha r-rabta tar-responsabbiltà flimkien mal-imħarrek żewġha fuq is-saħħa ta' dak li tipprovdi l-liġi dwar id-djun li jgħabbu l-komunjoni tal-akkwisti, ladarba hija qatt ma kienet qajmet din il-kwestjoni b'eċċezzjoni formali;

Illi l-Qorti tibda biex tgħid li Miller ma tgħidx sewwa li l-imħarrka Ruth Vella (Gafà) ma qajmitx formalment l-eċċezzjoni. L-ewwel eċċezzjoni preliminari tiġbor fiha sewwasew dak il-provvediment tal-liġi bla ma ssemmih. Wara kollox, biex eċċezzjoni tkun tiswa, ma hemmx għalfejn tissemma d-dispożizzjoni tal-liġi li bis-saħħa tagħha titressaq. Fit-tieni lok, huwa evidenti li l-imħarrka ma kinitx impjegata ta' Miller, u għalhekk ir-raġuni waħdanija għalfejn iddaħħlet fil-kawża kienet minħabba li hija kienet miżżewġa lill-imħarrek Robert Gafà u li ż-żwieġ tagħhom kien regolat bir-reġim tal-komunjoni tal-akkwisti. B'dan il-mod, Miller trid torbotha b'sentenza ħalli hija tagħmel tajjeb ukoll għad-danni pretiżi;

Illi, kif sewwa tosserva l-imħarrka fis-sottomissjonijiet tagħha tal-għeluq[23], Miller qatt ma allegat li l-imħarrka kienet ħadet sehem fil-ġrajjiet li l-kumpannija tixli bihom lill-imħarrkin Gafà u Żarb, u qajla ippruvat twaqqa' l-linja konsistenti tagħha li hija ma kienet taf b'xejn dwar dak li kien għaddej ħlief wara li żewġha tneħħa mix-xogħol ma' Miller. Fid-dawl ta' dawn ir-riżultanzi, il-Qorti ma jibqagħlha l-ebda dubju li l-imħarrka Ruth Gafà ma kienet imdaħħla bl-ebda mod fl-għemil ta' l-imħarrkin l-oħrajn;

Illi f'kull każ, il-Qorti tqis li jonqos ukoll l-interess ġuridiku fl-imħarrka Ruth Gafà li tkun fil-kawża, għaliex għall-għamla ta' għemil li bih Miller xliet lil żewġha f'din il-kawża – għemil konsistenti f'reat magħmul b'rieda – il-komunjoni ma tagħmilx tajjeb bis-sehem tal-parti l-oħra miżżewġa[24];

---

[23] Nota ta' Sottomissjonijiet ta' Ruth Gafà (Vella) f'paġ. 227 tal-proċess

[24] Art. 1327(f) tal-Kap 16 u App. Ċiv. **19.5.2014** fl-atti tar-ritrattazzjoni tal-kawża fl-ismijiet ***Guido Grima et vs Pierre Buontempo et*** § 25 u App. Ċiv. **1.12.2014** fl-atti tal-istess kawża § 20

Ili għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-imħġarrka Ruth Gafà (Vella) hija tajba u sejra teħlisha mill-ħarsien tal-ġudizzju, għaliex mhijiex il-kontradittriċi leġittima tal-azzjoni attriċi;

Illi l-Qorti sejra issa tgħaddi biex tqis **il-kwestjoni tar-responsabbiltà għall-ġrajjiet li tilmenta minnhom il-kumpannija attriċi**. Ma hemm l-ebda dubju li l-imħarrkin Malcolm Żarb u Robert Gafa kellhom ftit jew wisq sehem fil-ġrajjiet imtennija mill-kumpannija attriċi. L-imħarrek Żarb innifsu jistqarr li kemm hu kif ukoll l-imħarrek l-ieħor Gafà serqu xi oġġetti mill-imħażen ta' Miller[25], u dan waqt l-impieg tagħhom magħha, għalkemm huwa jgħid li dak li ħa kien raddu lura lill-Pulizija. Jistqarr ukoll li għal diversi drabi bil-ħsieb tajjar il-*fuse* tal-*computer* tiegħu[26]. Għajr għal titjir ta' *fuse*, l-imħarrkin Żarb u Gafà jgħidu li d-dannu li setgħu ikkawżaw lil Miller huwa wieħed minimu, li jissarraf aktar f'inkonvenjent milli f'xi ħaġa oħra;

Illi huwa aċċettat li biex persuna tista' tinsab responsabbli għall-ħsara li ħaddieħor ikun ġarrab bl-għemil ta' dik il-persuna, mhuwiex meħtieġ li l-għemil waħdu ta' dik il-persuna ikun il-kawża waħdanija tad-dannu mġarrab, għaliex biżżejjed jintwera s-sehem ta' dik il-persuna bin-negliġenza jew bir-rieda tagħha biex jintrabat magħha l-piż tar-responsabbiltà għal dak li jkun ġara. Iżda biex is-sehem ta' dik il-persuna jnissel il-ħtija u r-resposabbiltà li tiġi magħha, jeħtieġ jintwera (mill-parti li tallega d-dannu u bi prova tajba kif tistenna l-liġi) li dik il-ħtija nisslet id-dannu attwalment imġarrab u li tali dannu jkun imkejjel u ippruvat b'mod ċert[27]. Ir-rabta tal-kawżalità hija meħtieġa bilfors;

Illi minbarra dan, fil-proċeduri kriminali quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, l-imħarrkin instabu ħatja ta' xi akkużi li tressqu kontrihom dwar dan il-każ. Għalkemm il-Qorti fi stadju ta' appell[28] (minn appell imressaq biss mill-imħarrek Gafà), irriformat is-sentenza mogħtija fl-ewwel istanza, hija ikkonfermat il-ħtija ta' Gafà fil-ġrajja. Il-kwestjoni li tqum f'dan il-każ huwa jekk l-imħarrkin, għajr għas-serq li ammettew u l-oġġetti li rritornaw lura lill-Pulizija, humiex ukoll responsabbli għall-qtugħ tad-dawl, splużjoni u ħruq ta' *power supplies* tal-*computers*. Dan qed jingħad fid-dawl tat-tieni stħarriġ, jiġifieri tad-danni li Miller tgħid li ġarrbet u li qed titlob lill-Qorti tillikwida biex eventwalment jitħallsu mill-imħarrkin, jew min minnhom;

Illi l-Qorti tqis li, għalkemm il-grad ta' prova fil-proċediment ċivili m'huwiex wieħed tassattiv daqs dak mistenni fil-proċediment kriminali,

[25] Ara x-xhieda ta' Malcolm Żarb f'paġ. 161 tal-proċess
[26] Ara x-xhieda ta' Malcolm Żarb mgħotija in kontro eżami f'paġġ. 178-179 tal-proċess
[27] P.A. TM **30.5.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***David Gatt vs Peter Calleja*** (mhix pubblikata)
[28] Ara sentenza mogħtija fit-**30.4.2014** mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) DS

b'daqshekk ma jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b'saħħithom. Il-prova mistennija fil-qasam tal-proċediment ċivili ma tistax tkun sempliċi supposizzjoni, suspett jew konġettura, imma prova li tikkonvinċi lil min irid jagħmel ġudizzju[29];

Illi minbarra dan, il-parti attriċi għandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi għat-talbiet tagħha b'mod li, jekk tonqos li tagħmel dan, iwassal għall-ħelsien tal-parti mħarrka[30]. Il-fatt li l-parti mħarrka tkun ressqet verżjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attriċi ma jfissirx li l-parti attriċi tkun naqset minn dan l-obbligu, għaliex jekk kemm-il darba l-provi ċirkostanzjali, materjali jew fattwali jagħtu piż lil dik il-verżjoni tal-parti attriċi, l-Qorti tista' tagħżel li toqgħod fuqha u twarrab il-verżjoni tal-parti mħarrka. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-parti mħarrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attriċi, ma jeħlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tagħha[31]. Huwa għalhekk li l-liġi torbot lill-parti f'kawża li tipprova dak li tallega[32] u li tagħmel dan billi tressaq l-aħjar prova[33];

Illi fil-fehma tal-Qorti u minn dak li joħroġ mill-atti tal-kawża, Miller ressqet provi tajbin biżżejjed biex jorbtu lill-imħarrkin ma' wħud mill-ġrajjiet imsemmijin minnha. Dan tarah fix-xhieda mogħtija mir-rappreżentanti tagħha. Hija torbot il-każ mas-sejbiet tal-Qorti tal-Maġistrati Kriminali w aktar tard mas-sejbiet tal-Qorti tal-Appell Kriminali[34] għaliex, għalkemm il-proċediment ċivili u dak kriminali jitmexxew għal rashom[35], sejbien ta' ħtija f'qorti ta' kompetenza kriminali titfa' dawl fuq l-element ta' ħtija jew responsabbiltà f'kawża ta' xejra ċivili għad-danni[36]. Minbarra dan, sentenza mogħtija minn qorti ta' kompetenza kriminali tista' titressaq bħala prova f'kawża ta' xejra ċivili[37];

Illi min-naħa tagħhom, l-imħarrkin jiċħdu dan kollu. Żarb jiddisassoċja ruħu minn Gafà u jgħid li dak li għamel Gafà għandu jwieġeb għalih hu waħdu[38], filwaqt li l-imħarrka Ruth Gafà (Vella) tgħid li saret taf bix-xiljiet ta' Miller dwar żewġha biss mill-proċeduri kriminali li tnedew kontrih, u mhux għaliex żewġha qatt stqarr xi ħaġa quddiemha[39]. L-imħarrkin Żarb u Gafà jgħidu li dak li serqu raddewh lura, u għajr għal titjir ta' *fuses*, ma nġabet ebda prova oħra kontra tagħhom;

---

[29] Ara P.A. DS **13.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Nancy Caruana vs Odette Camilleri*** (mhix pubblikata, imma f'dan ir-rigward, konfermata mill-Qorti tal-Appell fis-**27.2.2004**)
[30] App. Inf. JSP **12.1.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Hans J. Link et vs Raymond Merċieca***
[31] App. Inf. PS **7.5.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil***
[32] Art. 562 tal-Kap 12
[33] Art. 559 tal-Kap 12
[34] Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha f' paġġ. 186 – 7 tal-proċess
[35] Art. 6 tal-Kap 9
[36] P.A. PS **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr Stephen Thake noe et vs Ronald Apap et*** (mhix appellata)
[37] P.A. AE **17.4.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Adrian Aġius vs Steve Magro et*** (mhix appellata)
[38] Ara n-Nota ta' Sottomissjonijiet ta' Malcolm Żarb f'paġ. 202 tal-proċess
[39] Ara x-xhieda ta' Ruth Vella mgħotija fil-kontro-eżami f'paġġ. 167 – 8 tal-proċess

Illi wara li l-Qorti qrat sewwa l-atti proċesswali u qieset is-sottomissjonijiet tal-partijiet, tasal għall-fehma li s-sottomissjonijiet mressqa mid-difiża tal-imħarrkin għandom is-siwi tagħhom. Il-Qorti ttenni l-fehma tagħha fuq numru ta' konsiderazzjonijiet. Fl-ewwel lok, ma hemm ebda dubju li Miller ħatret esperti kompetenti biex jgħinuha fl-istħarriġ tagħha għal problemi li sabet ma' wiċċha u b'liema stħarriġ riedet issib tarf ta' mnejn kien ġej dak in-nuqqas jew xkiel. Ma hemm ebda dubju wkoll li dawn l-istess problemi kienu ta' piż għaliha u fixkluha fl-operat tagħha. Iżda, kuntrarju għal dak li kienet mistennija li tagħmel f'kawża bħal din, Miller għażlet li ma tressaqx bi prova kopja tas-sejbiet tal-esperti mqabbdin minnha[40], u kif dawn is-sejbiet setgħu jorbtu dak li ġara mal-aġir li hi tgħabbi bih lill-imħarrkin. Fit-tieni lok, ic-*CCTV footage* li Miller tgħid li kellha f'idejha biex issammar il-ħtija fuq l-imħarrkin, għall-istess mod ma tressaqx bħala prova, iżda minn kliemha l-filmat juri biss aġir limitat li l-imħarrkin setgħu ġew mixlija bih, u għaldaqstant ma jippruvax ix-xiljiet kollha miġjuba kontrihom. Fit-tielet lok, ma tressqet ebda prova li l-imħarrkin, fil-preżenza tar-rappreżentanti tal-kumpannija attriċi, stqarrew ix-xiljiet kollha li nġabu kontrihom. Quddiem din il-Qorti, l-imħarrkin dejjem żammew sod u konsistentement ma' verżjoni waħda li teskludi s-sehem tagħhom fil-qtugħ tal-provvista tad-dawl, splużjoni u ħruq ta' *power supplies* tal-*computers*. Il-fatt li xi ħadd mill-imħarrkin stqarr sehem f'xi waħda mill-għemejjel li kien mixli bihom, ma jfissirx li dik l-istqarrija tinfirex għax-xiljiet kollha u lanqas ma tgħaddi fuq l-imħarrek l-ieħor;

Illi l-Qorti għaldaqstant sejra tilqa' l-ewwel talba attriċi limitatament għall-każ ta' ħruq ta' *fuses* u tas-serq ta' *stationery*;

Illi l-Qorti se tgħaddi biex tqis **il-kwestjoni tad-danni mġarrba** minn Miller. Tistqarr minnufih li f'dan il-każ il-qagħda mhijiex daqshekk ċara. Dan jingħad kemm għaliex l-ammont innifsu li Miller tgħid li ġarrbet nissel bosta dubji, kif jidher sewwa mis-sottomissjonijiet tal-imħarrkin, kif wkoll fid-dawl tal-provi li tressqu b'sostenn għal dan l-ammont;

Illi dwar il-kwestjoni tal-provi mressqa, fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha, Miller tistrieħ fuq il-kalkoli magħmula mill-Kontrollur Finanzjarju tagħha[41], u toħroġ bis-sottomissjoni li l-imħarrkin ma ressqu ebda prova biex ixejnu l-pretensjonijiet attriċi[42]. Min-naħa tagħhom, l-imħarrek Żarb u Gafà jgħidu li m'għandhom jagħtu xejn lil Miller għaliex dak li serqu irritornawh, u dannu ieħor ma kkawżawlhiex. Għar-rigward tal-prospett ippreżentat minn Miller, l-imħarrkin iqanqlu dubji dwar il-kwantum, u jgħidu li

[40] Fil-kontro-eżami, ix-xhud Peter Vella De Fremaux jaċċenna għal rapport imħejji mill-Perit Lawrence Ċiantar. ara f'dan is-sens paġ. 103 tal-proċess
[41] Ara x-xhieda ta' Kenneth Frendo f'paġ. 47 tal-proċess
[42] Ara n-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-kumpannija attriċi f'paġġ. 188-189 tal-proċess

Miller naqset li tissostanzjah b'xi prova ulterjuri[43]. Iġibu argumenti tajbin dwar id-diversi ammonti imniżżla fil-prospett;

Illi bilkemm għandu għalfejn jingħad li l-għamla ta' kawża li Miller għażlet li tiftaħ kontra l-imħarrkin titlob li tinġab prova tajba tad-dannu mġarrab mill-istess attriċi. Mhuwiex biżżejjed li jintwera li seħħu il-ġrajjiet ilmentati minnha: irid jintwera li, sewwasew minħabba dawk il-ġrajjiet, il-kumpannija attriċi effettivament ġarrbet ħsara, u tinġieb il-prova tajba ta' x'kienet dik il-ħsara. Il-prova ta' dik il-ħsara tibqa' fuq min jallegaha, u f'każ li l-attur jonqos li jipprovaha kif jixraq, l-azzjoni jkollha tfalli taħt ir-regola li *actore non probante reus absolvit*[44];

Illi ma jaqax fuq il-parti mħarrka l-piż li xxejjen l-allegazzjoni tal-ħsara mġarrba, għaliex il-parti mġarrba ma tistax toqgħod fuq allegazzjoni. Ma kien hemm xejn x'iżomm lil Miller li tfittex b'suċċess għejjun ta' prova attendibbli li kienu jwasslu lill-Qorti toqgħod fuqhom biex tasal għall-fehma tagħha. Minflok, Miller tippretendi li bi stqarrija u provi orali, din il-Qorti kienet sejra toqgħod fuq dawk il-provi b'għajnejha magħluqa, minkejja li Miller issejjaħ il-kapi tad-danni mġarrba bħala "spejjeż speċifiċi li inkorriet". Il-Qorti tirrileva li sal-waqt li ressqet is-sottomissjonijiet tagħha tal-għeluq, Miller kienet qiegħda tqis il-likwidazzjoni waħdanija li ressqet – permezz ta' affidavit ta' Kenneth Frendo – bħala "stima d-dettaljata (*sic*)"[45]. Stima mhijiex prova, imma kalkolu u dan mhuwiex biżżejjed għal parti attriċi f'kawża ta' danni biex fuqha l-Qorti tista' sserraħ moħħha li l-prova meħtieġa tkun tressqet. Dan jingħad l-aktar għaliex ma sar l-ebda tentattiv min-naħa ta' Miller biex tal-anqas tissostanzja ċ-ċifri msemmija bi provi dokumentali li wieħed seta', forsi, jiżen u joqgħod fuqhom[46]. Minbarra dan, Miller ma tat l-ebda spjegazzjoni għaliex id-danni pretiżi minnha fil-Mandati kawtelatorji maħruġa ftit żmien qabel ma fetħet il-kawża kienu jindikaw ammont (Lm 20,000) li huwa bil-wisq iċken mill-ammont pretiż minnha matul is-smigħ tal-kawża kif fuq imsemmi. Ukoll kieku kellu wieħed iqis l-oġġezzjonijiet u l-osservazzjonijiet validi mressqa mill-imħarrkin kollha dwar il-provi attriċi dwar il-ħsara allegatament imġarrba, l-atturi kien messhom fehmu li l-provi tagħhom ma kinux jgħaddu mill-għarbiel tal-grad meħtieġ mistenni minnhom fil-liġi;

Illi, l-imħarrkin iqanqlu wkoll l-argument li Miller naqset li tressaq il-prova jekk id-dannu li tilmenta minnu kienx assikurat[47]. Jekk kellu jirriżulta li l-ħsara li Miller tgħid li ġarrbet għamlet tajjeb għalihom xi kumpannija assikuratriċi tagħha, anqas u anqas jistgħu jintlaqgħu dawn it-talbiet attriċi;

---

[43] Ara n-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-imħarrkin Gafa u Żarb rispettivament f'paġġ. 203 – 8 u paġġ. 194 sa 202 tal-proċess
[44] App. Inf. **12.1.2001**fil-kawża fl-ismijiet ***Hans Joachim Link et. vs Raymond Merċieca***
[45] Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġ. 189 tal-proċess
[46] App. Ċiv. **27.10.2017** fil-kawża fl-ismijiet ***Chef Choice Ltd vs Raymond Galea et***
[47] Ara Nota ta' Sottomissjonijiet ta' Malcolm Żarb f'paġ. 218 tal-proċess, u dik ta' Robert Gafa f'paġ. 205 tal-proċess

Illi fin-nuqqasijiet li ġew issa rilevati fir-rigward tal-għamla ta' provi mressqa minn Miller dwar il-pretensjonijiet tagħha tad-danni, il-Qorti mhijiex sejra tilqa' t-tieni u tielet talbiet attriċi billi ma tressqux provi tajbin biżżejjed biex il-Qorti tista' tilqagħhom;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi limitatament** billi ssib lill-imħarrkin Malcolm Żarb u Robert Gafà jaħtu għal serq ta' oġġetti, liema oġġetti ġew ritornati lill-Pulizija, imma **tiċħadha** safejn titlob li l-imħarrka Ruth Gafà' hija responsabbli għal xi għemil imwettaq mill-imħarrek żewġha fil-konfront tal-kumpannija attriċi;

**Tiċħad it-tieni u t-tielet talbiet attriċi,** billi l-kumpannija attriċi naqset li tipprova kif jixraq x'kienu tassew id-danni li tgħid li ġarrbet minħabba l-għemil li għalih jaħtu l-imħarrkin Malcolm Żarb u Robert Gafà; u

**Tordna** li l-attriċi tħallas l-**ispejjeż tal-kawża**, ħlief dawk marbutin mal-ewwel talba attriċi, li jitħallsu mill-imħarrkin Malcolm Żarb u Robert Gafa.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**10 ta' Ottubru, 2019**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

**10 ta' Ottubru, 2019**